A.L. 144 ta' l-2004

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-2004 biex jemendaw ir-Regolamenti għad-Dħul

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2004 biex jemendaw ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita' ta' Malta u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti għad-Dhul ta' 1997 li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2005 jew wara.

Emenda għar-regolament 3.0 tar-regolamenti prinċipali

3. Ir-regolament 3.2(c) għandu jitħassar.